KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-12 ta' Novembru 2015 [1]

Kawża C-12/14

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika ta' Malta

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Sigurtà soċjali — Pensjonijiet tax-xjuħija — Regoli antikumulu — Persuni li jibbenefikaw minn pensjoni tax-xjuħija taħt l-iskema nazzjonali u minn pensjoni tas-servizz pubbliku taħt l-iskema ta' Stat Membru ieħor — Tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni tax-xjuħija"

I – **Introduzzjoni**

1. Il-leġiżlazzjoni tad-dritt idderivat li tikkoordina l-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri tinkludi regoli partikolari li jillimitaw jew li jipprojbixxu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet antikumulu nazzjonali li għandhom l-effett li jnaqqsu l-pensjoni tax-xjuħija li persuna assigurata tista' tkun intitolata fi Stat Membru minħabba li din tibbenefika minn benefiċċju tal-istess natura fi Stat Membru ieħor.

2. L-implementazzjoni ta' dawn ir-regoli partikolari hija l-qofol ta' din it-tilwima, fejn il-Kummissjoni Ewropea qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi tipprevedi regola antikumulu ta' pensjoni tax-xjuħija nazzjonali u ta' pensjoni tax-xjuħija tas-servizz pubbliku ta' Stati Membri oħra, ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha, minn naħa, taħt l-Artikolu 46b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità [2], u, min-naħa l-oħra, taħt l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [3].

3. Is-sitwazzjonijiet li wasslu għal din il-proċedura, li tnisslu minn kuntest storiku partikolari deskritt mir-Repubblika ta' Malta fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, jikkonċernaw ċittadini Maltin irtirati li, peress li kienu ħadmu għas-servizzi Brittaniċi f'Malta qabel il-31 ta' Marzu 1979, id-data li fiha l-aħħar forzi Brittaniċi telqu mill-gżira, jirċievu kemm pensjoni tal-irtirar Maltija u kemm pensjoni "komplementari" tas-servizz pubbliku tar-Renju Unit, li titnaqqas mill-pensjoni tax-xjuħija Maltija bis-saħħa ta' dispożizzjoni antikumulu li tinsab fil-leġiżlazzjoni Maltija.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament fil-verżjoni tiegħu kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 177, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena ser insostni li l-fatt li skema tal-pensjoni ta' Stat Membru, li tissodisfa l-klassifikazzjoni bħala leġiżlazzjoni dwar fergħa tas-sigurtà soċjali, fis-sens tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004, ma tkunx ġiet iddikjarata bħala tali mill-Istat Membru tagħha ma għandu ebda impatt fuq din il-klassifikazzjoni.

5. Jiena ser insostni wkoll li, minkejja l-fatt li l-pensjonijiet tas-servizz mogħtija taħt l-iskemi tas-servizz pubbliku tar-Renju Unit jitħallsu bħala komplement tal-pensjoni tax-xjuħija bażika mogħtija mis-Servizz nazzjonali tas-saħħa (National Health Service) u jiddependu mill-impjieg li kellha l-persuna kkonċernata, dawn il-pensjonijiet tas-servizz jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

6. Fuq il-bażi ta' dan jiena ser nikkonkludi li r-rikors għandu jintlaqa'.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Ir-Regolament Nru 1408/71

7. L-għan tar-Regolament Nru 1408/71 huwa li jikkoordina, fil-kuntest tal-moviment liberu tal-persuni, il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali.

8. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

[...]

(j) *leġislazzjoni* tfisser fejn jidħlu l-Istatuti ta' kull Stat Membru, ir-Regolamenti u dispożizzjonijiet oħra u l-miżuri l-oħra kollha implimentati, preżenti u futuri, marbutin mal-friegħi ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali koperti bl-Artikolu 4(1) u (2) [...]

It-terminu jeskludi d-dispożizzjonijiet tal-ftehim industrijali eżistenti jew futuri, kemm jekk kienu jew ma kinux suġġetti għal deċiżjoni mill-awtoritajiet li rrendewhom bilfors jew li jestendu l-iskop tagħhom [...]

[...]"

9. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jkun japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-friegħi segwenti tas-sigurtà soċjali:

[...]

(ċ) il-benefiċċji tax-xjuħija;

[...]"

10. L-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Dikjarazzjonijiet mill-Istati Membri dwar l-iskop ta' dan ir-Regolament", jobbliga, b'mod partikolari, lill-Istati Membri jispeċifikaw il-leġiżlazzjonijiet u l-iskemi msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament fid-dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu nnotifikati lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

11. L-Artikolu 46b tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fil-każ ta' rkib (overlapping) [kumulu] ta' benefiċċji ta' l-istess tip taħt il-leġislazzjoni ta' tnejn jew iktar Stati Membri", jispeċifika:

"1. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-riduzzjoni, is-sospensjoni jew it-tneħħija stipulati bil-leġislazzjoni ta' Stat Membru ma jkunux applikabbli għall-benefiċċju kkalkulat skond l-Artikolu 46(2).

2. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-riduzzjoni, is-sospensjoni u [jew i]t-tnaqqis stipulati mil-leġislazzjoni ta' Stat Membru jkunu japplikaw għall-benefiċċju kkalkulat skond l-Artikolu 46(1)(a)(i) biss jekk il-benefiċċju kkonċernat huwa:

a) jew benefiċċju, li hemm riferenza għalih fl-Anness IV, il-Parti D, li l-ammont tiegħu ma jiddependix fuq it-tul tal-perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza mwettqa,

jew

b) benefiċċju, li l-ammont tiegħu huwa ddeterminat abaži ta' perjodu akkreditat meħud li twettaq bejn id-data li fiha r-riskju mmaterjalizza u data iktar tard. [...]

[...]

Il-benefiċċji li għalihom saret riferenza f'(a) u (b) u l-ftehim imsemmi [jissemmew] fl-Anness IV, il-Parti D."

2. Ir-Regolament Nru 883/2004

12. Ir-Regolament Nru 883/2004 ssostitwixxa, b'effett mill-1 ta' Mejju 2010, ir-Regolament Nru 1408/71.

13. Skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

[...]

(l) 'leġislazzjoni' tfisser, fir-rigward ta' kull Stat Membru, liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet statutorji oħra u kull miżuri ta' implimentazzjoni oħra kollha marbutin mal-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3(1);

Dan it-terminu ma jinkludix disposizzjonijiet kuntrattwali ħlief dawk li jservu biex jimplimentaw obbligu ta' assigurazzjoni li joħroġ mil-liġijiet u mir-regolamenti msemmija fis-subparagrafu preċedenti jew li kienu s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet pubbliċi li għamlithom obbligatorji jew li wessgħat l-ambitu tagħhom, sakemm l-Istat Membru konċernat jagħmel dikjarazzjoni dwar dan. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun innotifikata lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-President tal-Kunsill [...].

[...]"

14. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat “Oqsma koperti”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-fergħat li ġejjin tas-sigurtà soċjali:

[...]

(d) benefiċċji marbuta ma’ l-età [benefiċċji tax-xjuħija];

[...]”

15. L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat “Dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-ambitu ta’ dan ir-Regolament”, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni [...] bil-miktub [...] il-leġiżlazzjoni u l-iskemi msemmija fl-Artikolu 3 [...]. Tali notifiki għandhom jindikaw id-data li minnha ser japplika dan ir-Regolament għall-iskemi speċifikati mill-Istati Membri fihom.”

16. L-Artikolu 54 ta’ dan ir-regolament, intitolat “*Overlapping* [kumulu] ta’ benefiċċji ta’ l-istess tip”, jipprovdi:

“1. Fejn ikun hemm *overlapping* [kumulu] bejn benefiċċji ta’ l-istess tip li għandhom jingħataw taħt il-leġislazzjoni ta’ żewġ Stati Membri jew aktar, ir-regoli dwar il-prevenzjoni ta’ *overlapping* [regoli antikumulu] stabbiliti fil-leġislazzjoni ta’ Stat membru ma għandhomx ikunu applikati għal benefiċċju *pro rata*.

2. Ir-regoli dwar il-prevenzjoni ta’ *overlapping* għandhom japplikaw biss għal benefiċċju indipendenti jekk il-benefiċċju konċernat ikun:

a) benefiċċju li l-ammont tiegħu ma jiddependix fuq it-tul tal-perjodi ta’ assigurazzjoni jew residenza,

jew

b) benefiċċju li l-ammont tiegħu jkun determinat fuq il-bażi ta’ perjodu ikkreditat meqjus bħala magħmul bejn id-data li fiha immaterjalizza ruħu r-riskju u data wara dan l-avveniment, b’*overlap* [b’kumulu] [...]

[...]

Il-benefiċċji u l-ftehim imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b) huma elenkati fl-Anness IX.”

3. Id-Direttiva 98/49/KE

17. L-għan tad-Direttiva 98/49/KE[4] huwa, skont l-Artikolu 1 tagħha, li tħares id-drittijiet tal-persuni affiljati ma’ skemi tal-pensjoni komplementari li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor u li b’hekk tikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni impjegati u tal-persuni li jaħdmu għal rashom.

4 — **Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE, tad-29 ta’ Ġunju 1998, dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta’ persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 323).**

18. Il-premessa 4 ta' din id-direttiva tiddikjara li "s-sistema ta' koordinazzjoni kif hemm ipprovdut fir-[Regolament Nru 1408/71] u partikolarment ir-regoli dwar l-aggregazzjoni, mhumiex approprjati għal skemi supplimentari tal-pensjoni, barra minn skemi li huma koperti mill-kelma 'leġislazzjoni'".

19. Skont il-premessa 5 tal-imsemmija direttiva, "ebda pensjoni jew benefiċċju m'għandu jkun suġġett kemm għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u dawk [tar-Regolament Nru 1408/71]".

20. It-tieni sentenza tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/49 tipprovdi li l-protezzjoni tal-persuni affiljati tikkonċerna d-drittijiet għall-pensjoni taħt l-iskemi komplementari kemm volontarji u kemm obbligatorji, "bl-eċċezzjoni ta' skemi koperti mir-Regolament [...] Nru 1408/71".

21. Skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva:

"Għall-iskop ta' din id-Direttiva:

(a) 'pensjoni supplimentarja' tirreferi għal pensjonijiet ta' rtirar u, fejn ikun ipprovdut mir-regoli ta' skema ta' pensjoni supplimentarja stabbilita konformità ma' leġislazzjoni u mal-prattika nazzjonali, benefiċċji ta' invalidità u tas-superstiti, maħsuba li jissupplimentaw jew jissostitwixxu dawk ipprovduti għall-istess kontinġenzi minn skemi ta' sigurtà soċjali legali;

(b) 'skema ta' pensjoni supplimentari' tfisser kull skema ta' pensjoni tax-xogħol stabbilita inkonformità mal-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali bħal kuntratt ta' grupp ta' assigurazzjoni jew skema pay-as-you-go miftiehma minn waħda jew aktar fergħat jew setturi, skemi ta' fondi jew weġħda ta' pensjoni garantita minn riservi fl-estimi, jew kull arranġament kollettiv jew arranġament komparabbli maħsub li jipprovdi pensjoni supplimentari għall-persuni impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom;

[...]"

B – *Id-dritt Malti*

22. L-Artikolu 56 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jipprovdi li, meta persuna jkollha dritt għal pensjoni tas-servizz li ma tkunx pensjoni tas-servizz li, f'xi żmien, tkun ġiet ikkommutata kollha, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 53 sa 55 ta' dan l-att għandha titnaqqas bl-ammont ta' din il-pensjoni tas-servizz.

III – **Il-proċedura prekontenzjuża**

23. Wara tliet petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament minn tliet ċittadini Maltin, li kienu qegħdin jilmentaw dwar il-fatt li l-ammont tal-pensjoni li huma kienu jirċievu taħt tliet skemi tal-irtirar tar-Renju Unit, jiġifieri dawk li jikkonċernaw il-persunal tas-servizz pubbliku, tas-Servizz nazzjonali tas-saħħa u tal-forzi armati [5], kien jitnaqqas mill-pensjoni tax-xjuħija legali Maltija skont l-Artikolu 56 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra tal-25 ta' Novembru 2010, intimat lir-Repubblika ta' Malta sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

24. Ir-Repubblika ta' Malta wieġbet permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2011, li fiha sostniet essenzjalment li l-pensjonijiet imħallsa mill-iskemi tas-servizz pubbliku tar-Renju Unit ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

5 — Iktar 'il quddiem l-"iskemi inkwistjoni".

25. Permezz ta' ittra tat-28 ta' Diċembru 2011, ir-Repubblika ta' Malta għaddiet ġustifikazzjonijiet komplementari lill-Kummissjoni.

26. Fit-28 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni bagħtet lir-Repubblika ta' Malta opinjoni motivata li fiha kkonfermat il-pożizzjoni tagħha u stednitha tikkonforma ruħha ma' din l-opinjoni motivata f'terminu ta' xahrejn min-notifika tagħha.

27. Peress li, fit-tweġiba tagħha tal-25 ta' Lulju 2012, ir-Repubblika ta' Malta tenniet il-pożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta r-rikors ineżami.

IV – **Ir-rikors**

A – *L-ammissibbiltà tar-rikors*

28. Ir-Repubblika ta' Malta tikkontesta l-ammissibbiltà tar-rikors billi ssostni li dan ir-rikors kien imissu ġie ppreżentat kontra r-Renju Unit u mhux kontriha.

29. Insostenn ta' dan l-argument, ir-Repubblika ta' Malta ssostni li l-iskemi inkwistjoni ma ssemmewx fid-dikjarazzjoni magħmula mir-Renju Unit skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004, minħabba li r-Renju Unit iqis li dawn l-iskemi jikkostitwixxu skemi professjonali komplementari li ma jaqgħux taħt dawn ir-regolamenti iżda taħt id-Direttiva 98/49.

30. Issa, ir-Repubblika ta' Malta tqis li, jekk il-Kummissjoni ma taqbilx mad-dikjarazzjoni magħmula minn Stat Membru dwar il-benefiċċji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qasam tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, din l-istituzzjoni, bħala gwardjana tat-Trattati, hija meħtieġa tkompli bl-eżami tal-każ direttament mal-Istat Membru kkonċernat, mingħajr ma ssegwi rimedju indirett billi tiftaħ proċedura kontra Stat Membru ieħor li japplika korrettament id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija regolamenti konformement ma' din id-dikjarazzjoni. Skont ir-Repubblika ta' Malta, ikun hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq jekk jittieħdu passi kontra Stat Membru li, manifestament, ma jkunx f'pożizzjoni li jipproduċi l-provi dwar skema tal-pensjoni li ma tkunx amministrata minnu.

31. Ir-Renju Unit, li intervjena fil-kawża insostenn tar-Repubblika ta' Malta, jargumenta li l-Kummissjoni twettaq użu ħażin ta' poter meta tuża l-proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE sabiex tikkontesta l-miżuri ta' Stat Membru ieħor. Skont ir-Renju Unit, l-Istat Membru li b'dan il-mod jiddaħħal inkwistjoni b'mod indirett jkun qiegħed jiġi mċaħħad mill-protezzjoni mogħtija mill-proċedura prekontenzjuża u, bħala intervenjent, igawdi drittijiet proċedurali iktar limitati fil-proċedura ta' ksur miftuħa.

32. Jiena ma naqbilx ma' din l-analiżi u nsostni, għall-kuntrarju, it-teżi opposta, fis-sens li l-fatt li l-Kummissjoni ma ppreżentatx minn qabel rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju Unit minħabba l-assenza ta' notifika tal-iskemi inkwistjoni fil-kuntest tad-dikjarazzjoni magħmula skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004 bl-ebda mod ma jaffettwa l-ammissibbiltà tal-kawża mressqa kontra r-Repubblika ta' Malta minħabba l-applikazzjoni, minn dan l-Istat Membru, ta' regola antikumulu nazzjonali.

33. Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-mument li hija tqis opportun [6], filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet li jiddeterminaw l-għażla tagħha ma jistgħux jaffettwaw l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors [7]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni biss għandha l-kompetenza li tiddeċiedi fuq liema aġir jew ommissjoni imputabbli lill-Istat Membru kkonċernat għandha tinfetaħ il-proċedura [8].

34. Issa, jekk ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra r-Repubblika ta' Malta jiġi ddikjarat inammissibbli minħabba li l-Kummissjoni ma fetħitx minn qabel proċedura ta' ksur kontra r-Renju Unit, din l-istituzzjoni tkun qiegħda tiġi suġġetta għall-obbligu li tippreżenta żewġ rikorsi minħabba żewġ komportamenti materjalment differenti, minkejja li l-Kummissjoni għandha s-setgħa diskrezzjonali li tippreżenta biss wieħed minnhom, u barra minn hekk ikun qiegħed jiġi impost fuqha ordni li fih għandha tippreżenta dawn iż-żewġ rikorsi, meta, fis-sistema stabbilita permezz tal-Artikolu 258 TFUE, il-Kummissjoni għandha wkoll setgħa diskrezzjonali fid-determinazzjoni ta' dan l-ordni.

35. Huwa fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali li l-Kummissjoni, wara petizzjonijiet ippreżentati minn ċittadini Maltin, iddeċidiet li tippreżenta rikors kontra r-Repubblika ta' Malta li fih tqajjem nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' regola antikumulu li tipprevedi t-tnaqqis tal-pensjoni tax-xjuħija Maltija fil-każ ta' pensjoni oħra simultanja minflok ma tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju Unit minħabba li naqas milli jindika l-iskemi inkwistjoni fid-dikjarazzjoni prevista mir-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

36. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li Stat Membru ma jistax jiġġustifika n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tiegħu taħt it-Trattat FUE bil-fatt li Stati Membri oħra wkoll naqsu u qegħdin jonqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom [9], u li l-Kummissjoni hija libera li tiftaħ proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu biss kontra wħud mill-Istati Membri li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli mill-perspettiva tal-osservanza tad-dritt tal-Unjoni [10]. Fl-istadju tal-ammissibbiltà, il-fatt li ma huwiex possibbli li tiġi invokata l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jwassal sabiex l-assenza tal-eżerċizzju li jiġi ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Stat Membru ma hijiex rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra Stat Membru ieħor [11]. Għaldaqstant, l-ammissibbiltà tar-rikors ineżami ppreżentat kontra r-Repubblika ta' Malta ma tistax tiġi kkontestata minħabba l-fatt li l-Kummissjoni ma ppreżentatx rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Renju Unit.

37. Fit-tielet lok, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE hija bbażata fuq il-konstatazzjoni oġġettiva tan-nuqqas ta' osservanza minn Stat Membru tal-obbligi tiegħu taħt it-Trattat FUE jew taħt att tad-dritt idderivat. Ladarba tiġi stabbilita tali konstatazzjoni, ma huwiex rilevanti jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirriżultax mir-rieda tal-Istat Membru li lilu jkun imputabbli dan in-nuqqas, min-negliġenza tiegħu jew inkella minn diffikultajiet tekniċi li seta' jkun iltaqa' magħhom [12]. Sabiex nuża l-espressjoni stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tikkostitwixxi, bħala tali, l-*ultima ratio* sabiex tiġi imposta l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni billi tingħata prijorità lill-interessi tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxuti fit-Trattat [13].

6 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-351/13, EU:C:2014:2150, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-311/09, EU:C:2010:257, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-591/13, EU:C:2015:230, punt 14).

8 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-395/13, EU:C:2014:2347, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-48/10, EU:C:2010:704, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-531/06, EU:C:2009:315, punt 24).

11 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (C-1/00, EU:C:2001:687, punt 75).

12 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-68/11, EU:C:2012:815, punti 62 u 63).

13 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-196/07, EU:C:2008:146, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38. Għaldaqstant, ir-Repubblika ta' Malta ma tistax, sabiex tiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tagħha, teċċepixxi diffikultajiet fil-komprensjoni ta' skemi tal-pensjoni barranin, li barra minn hekk huma inerenti fl-applikazzjoni kemm ta' sistema ta' koordinazzjoni ta' diversi skemi tas-sigurtà soċjali u kemm ta' regola antikumulu nazzjonali li tipprevedi t-tnaqqis tal-pensjoni b'mod partikolari fil-każ li fl-istess ħin ikunu qegħdin jingħataw ċerti benefiċċji fi Stati Membri oħra.

39. Fir-raba' lok, ma nistax naqbel mal-argument tar-Renju Unit fis-sens li l-Kummissjoni twettaq użu ħażin ta' poter meta ddaħħal inkwistjoni lil dan l-Istat Membru b'mod indirett u inċidentali, filwaqt li ċċaħħdu mid-dritt għal smigħ. Sabiex ikun hemm użu ħażin ta' poter hija meħtieġa l-adozzjoni, minn istituzzjoni tal-Unjoni, ta' att bl-għan esklużiv jew, minn tal-inqas, determinanti, li jintlaħqu għanijiet oħra għajr dawk iddikjarati jew li tiġi evitata proċedura prevista speċifikament mit-Trattat sabiex tipprovdi għaċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami. Issa, f'dan il-każ, peress li s-suġġett tal-kawża kif jirriżulta mir-rikors jikkorrispondi mas-suġġett tat-tilwima kif iddefinit fl-ittra ta' intimazzjoni u fl-opinjoni motivata, ma jistax jiġi sostnut b'mod validu li l-Kummissjoni, li ma hijiex meħtieġa tindika r-raġunijiet li jkunu wassluha sabiex tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, wettqet xi użu ħażin ta' poter [14].

40. Il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra Stat Membru, tispeċifika l-klassifikazzjoni, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor ma jdaħħalx inkwistjoni l-ammissibbiltà tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u ma jfissirx li d-drittijiet proċedurali ta' dan l-aħħar Stat Membru, intervenjent fil-kawża, ma jkunux ġew irrispettati. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-argument b'analoġija li r-Renju Unit jaħseb li jista' jislet mill-fatt li, fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE, rinviju għal deċiżjoni preliminari minn qorti ta' Stat Membru jippermetti li jiġu eżaminati biss il-miżuri adottati minn dan l-Istat Membru, huwa bbażat fuq premessa żbaljata peress li, kompletament għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-ammissibbiltà ta' domanda preliminari intiża sabiex tippermetti lil qorti ta' Stat Membru tevalwa l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' dispożizzjonijiet ta' Stat Membru ieħor [15].

41. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, inqis li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

B – *Il-fondatezza tar-rikors*

1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004

42. Filwaqt li targumenta li, fil-prattika, din il-proċedura tikkonċerna essenzjalment żewġ kategoriji ta' rtirati, fosthom dik li tiġbor fiha ċ-ċittadini Maltin li qatt ma ħadmu fir-Renju Unit jew fi Stat Membru ieħor u li jirċievu pensjoni tas-servizz mir-Renju Unit esklużivament minħabba xogħol imwettaq għas-servizzi Brittaniċi f'Malta qabel l-għeluq tal-bażi militari Brittanika, fil-31 ta' Marzu 1979 [16], ir-Repubblika ta' Malta ssostni li, fl-assenza ta' element transkonfinali, din il-kategorija fl-ebda każ ma taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

43. Dan l-argument huwa manifestament infondat.

14 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (C-562/07, EU:C:2009:614, punt 25).

15 — Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza Eau de Cologne & Parfümerie-Fabrik 4711 (C-150/88, EU:C:1989:594, punt 12).

16 — Skont ir-Repubblika ta' Malta, il-kategorija l-oħra ta' ċittadini kkonċernati tiġbor fiha l-persuni li kienu impjegati mis-servizzi Brittaniċi f'Malta qabel il-31 ta' Marzu 1979 u li baqgħu jaħdmu fir-Renju Unit wara din id-data jew li, filwaqt li kienu ħadmu preċedentement fis-servizz pubbliku tar-Renju Unit, kienu sussegwentement ħadmu f'Malta.

44. L-ewwel nett, peress li ma hijiex qiegħda tikkontesta l-applikabbiltà tas-sistema ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali ħlief għaċ-ċittadini Maltin li ħadmu dejjem f'Malta, ir-Repubblika ta' Malta qiegħda b'dan il-mod tirrikonoxxi l-applikabbiltà ta' din is-sistema għal dawk iċ-ċittadini Maltin li ħadmu wkoll fir-Renju Unit jew fi Stat Membru ieħor. Għaldaqstant, l-eventwali esklużjoni ta' ċerti sitwazzjonijiet partikolari ma tistax twassal sabiex l-ilment tal-Kummissjoni, ibbażat fuq l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni antikumulu Maltija mad-dritt tal-Unjoni, ikun infondat.

45. It-tieni nett u fuq kollox, l-assenza ta' ċaqliq fiżiku ma teskludix l-eżistenza ta' rabta ta' konnessjoni tali li tirrendi applikabbli r-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004. Għalkemm dawn ir-regolamenti ma humiex intiżi li japplikaw għas-sitwazzjonijiet li l-elementi kollha tagħhom ikunu limitati għal Stat Membru wieħed biss [17], minn ġurisprudenza repetuta jirriżulta li l-kriterju determinanti għall-finijiet tal-applikabbiltà tal-imsemmija regolamenti huwa l-konnessjoni tal-persuna kkonċernata ma' skema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed jew iktar li fil-kuntest tagħha din il-persuna tkun wettqet perijodi ta' assigurazzjoni [18].

46. Issa, il-kategorija ta' rtirati li, skont ir-Repubblika ta' Malta, hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004 tiġbor fiha persuni li huma intitolati għal pensjoni tal-irtirar Maltija kif ukoll għal benefiċċju tal-irtirar professjonali tar-Renju Unit taħt waħda mill-iskemi inkwistjoni. Din l-affiljazzjoni doppja hija suffiċjenti sabiex tkun iġġustifikata l-applikabbiltà ta' dawn ir-regolamenti.

2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004

a) Fuq l-impatt tal-assenza ta' indikazzjoni tal-iskemi inkwistjoni fid-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004

47. Ir-Repubblika ta' Malta targumenta li hija tqis li hija kompletament marbuta mill-evalwazzjoni magħmula mir-Renju Unit fir-rigward tal-iskemi tal-irtirar tas-servizz pubbliku tiegħu stess, li kienu konstantament tħallew barra mid-dikjarazzjoni tar-Renju Unit taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

48. Ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju Unit jaqsmu l-pożizzjoni tar-Repubblika ta' Malta fir-rigward tal-konsegwenzi tal-assenza ta' dikjarazzjoni magħmula minn Stat Membru.

49. Il-Kummissjoni ssostni l-pożizzjoni kuntrarja.

50. Din il-kwistjoni diġà ngħatat tweġiba fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

51. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha Beerens [19], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li liġi jew leġiżlazzjoni nazzjonali ma tkunx issemmiet fid-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 ma jistax, fih innifsu, jistabbilixxi li din il-liġi jew din il-leġiżlazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament [20].

17 — Ara, f'dan is-sens, id-digriet El Youssfi (C-276/06, EU:C:2007:215, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll is-sentenza Gouvernement de la Communauté française u gouvernement wallon (C-212/06, EU:C:2008:178, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Keller (C-145/03, EU:C:2005:211, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 — 35/77, EU:C:1977:194.

20 — Punt 9. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà indikat, fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill Nru 3, tal-25 ta' Settembru 1958, dwar is-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti (ĠU 30, p. 561), li ppreċeda r-Regolament Nru 1408/71 u li kien jipprevedi wkoll in-notifika tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali, li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 3 għal leġiżlazzjoni partikolari ma kinitx eskluża minħabba s-sempliċi fatt li din il-leġiżlazzjoni, li tkun daħlet fis-seħħ wara l-imsemmi regolament, ma tkunx ġiet innotifikata [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi van der Veen (100/63, EU:C:1964:65, p. 1122) u Dingemans (24/64, EU:C:1964:86, p. 1274)].

52. Fil-fehma tiegħi, din is-soluzzjoni ġurisprudenzjali, imtennija diversi drabi mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fis-sentenza tagħha Pérez García *et*[21], hija perfettament iġġustifikata. Fil-fatt, jekk, kif jissuġġerixxu r-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Renju Unit, l-applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004 għal leġiżlazzjoni partikolari tiġi eskluża minħabba s-sempliċi fatt li din il-leġiżlazzjoni ma tkunx issemmiet mill-Istat Membru fid-dikjarazzjoni tiegħu, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunu mċaħħda mill-kontenut tagħhom u l-applikazzjoni uniformi tagħhom issir impossibbli peress li kull Stat Membru jkun jista' jevita unilateralment ir-regoli dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali billi jastjeni milli jsemmi skema li, madankollu, taqa' oġġettivament fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmija regolamenti.

53. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta mill-użu tal-verbi fil-preżent indikattiv "jispeċifika" u "jinnotifikaw" fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004 rispettivament, dawn id-dispożizzjonijiet ma jesprimux sempliċi possibbiltà iżda obbligu konkret għall-Istati Membri li jiddikjaraw id-dispożizzjonijiet legali u leġiżlattivi tagħhom sabiex tiġi ddeterminata l-portata preċiża tas-sistema ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali. Dan l-obbligu ta' dikjarazzjoni jkun imċaħħad minn kull effikaċja jekk l-Istati Membri, bin-nuqqas tagħhom li jieħdu azzjoni, ikunu jistgħu jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sistema l-iskemi li, madankollu, ikunu jissodisfaw oġġettivament il-klassifikazzjoni bħala "skemi tas-sigurtà soċjali".

54. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza dwar l-assenza ta' impatt tan-nuqqas ta' dikjarazzjoni tirrifletti ġurisprudenza oħra, daqstant ieħor repetuta, li minnha jirriżulta li "d-distinzjoni bejn benefiċċji esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 u benefiċċji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni [tiegħu] tistrieħ essenzjalment fuq l-elementi li jikkostitwixxu kull benefiċċju, b'mod partikolari, l-għanijiet u l-kundizzjonijiet għall-għoti tiegħu, u mhux fuq [jekk] benefiċċju huwiex ikkwalifikat jew le minn leġiżlazzjoni nazzjonali [bħala] benefiċċju ta' sigurtà soċjali"[22]. Għaldaqstant, fid-dritt tal-Unjoni, il-kunċett ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali jirċievi definizzjoni awtonoma, li ma tiddependix mill-kriterji nazzjonali ta' klassifikazzjoni.

55. Inżid li, għall-kuntrarju tal-analiżi li tagħmel f'dan ir-rigward ir-Repubblika tal-Awstrija, jiena ma naħsibx li l-portata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-impatt tan-nuqqas ta' dikjarazzjoni għandha tkun limitata għall-Istat Membru li kien imissu wettaq id-dikjarazzjoni, filwaqt li l-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jqisu li l-leġiżlazzjoni li ma tissemmiex fid-dikjarazzjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004. Is-soluzzjoni proposta, li twassal sabiex skema nazzjonali tiġi kklassifikata b'mod differenti, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, skont l-Istat Membru kkonċernat, tmur manifestament u direttament kontra r-rekwiżit tal-applikazzjoni uniformi tar-regoli ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

56. Dawn huma r-raġunijiet għaliex inqis li l-fatt li l-iskemi inkwistjoni ma ssemmewx mir-Renju Unit fid-dikjarazzjoni magħmula skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1408/71 u skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 883/2004 ma jistax, fih innifsu, jistabbilixxi li dawn l-iskemi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dawn ir-regolamenti.

57. Għalkemm mhux qiegħed niċħad id-diffikultajiet konkreti li jista' jiltaqa' magħhom l-Istat Membru fl-assenza ta' dikjarazzjoni ta' skema minn Stat Membru ieħor, f'dawn id-diffikultajiet madankollu ma narax raġuni li tiġġustifika ksur tar-regoli ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, id-diffikultajiet prattiċi li għadni kemm semmejt għandhom jiġu riżolti parzjalment bl-implementazzjoni ta' sistema ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet u

21 — C-225/10, EU:C:2011:678, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll is-sentenza Snares (C-20/96, EU:C:1997:518, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 — Ara s-sentenza Lachheb (C-177/12, EU:C:2013:689, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri [23]. Barra minn hekk, kif tenfasizza l-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà jagħmlulha mistoqsijiet fil-każ ta' dubju jew li jindirizzaw ruħhom lill-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, li wieħed mill-kompiti tagħha huwa preċiżament li tittratta l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni [24]. Inżid li l-fatt li għar-Repubblika ta' Malta huwa diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li twettaq analiżi tal-iskemi inkwistjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-fatt li dan l-Istat Membru u r-Renju Unit għandhom storja komuni ta' natura li tiffaċilita l-komprensjoni, mir-Repubblika ta' Malta, tal-iskema tal-pensjoni applikabbli għaċ-ċittadini tagħha li, qabel is-sena 1979, kienu jaħdmu għall-forzi Brittaniċi fit-territorju Malti.

58. Peress li ma naċċettax li nqis li l-assenza ta' dikjarazzjoni ta' skema twassal għall-esklużjoni ta' din l-iskema mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolamenti Nru 1408/71 u 883/2004, huwa meħtieġ li nivverifika jekk l-iskemi inkwistjoni jissodisfawx jew le, oġġettivament, il-klassifikazzjoni bħala "skemi tas-sigurtà soċjali", fis-sens ta' dawn ir-regolamenti.

b) Fuq il-klassifikazzjoni tal-iskemi inkwistjoni

59. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71, "*leġislazzjoni* tfisser fejn jidħlu l-Istatuti ta' kull Stat Membru, ir-Regolamenti u dispożizzjonijiet oħra u l-miżuri l-oħra kollha implimentati, preżenti u futuri, marbutin mal-friegħi ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali koperti bl-Artikolu 4(1) u (2)", filwaqt li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004, din il-kelma "tfisser, fir-rigward ta' kull Stat Membru, liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet statutorji oħra u kull miżuri ta' implimentazzjoni oħra kollha marbutin mal-fergħat tas-sigurtà soċjali koperti mill-Artikolu 3(1)".

60. Għaldaqstant, sabiex taqa' fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, skema tal-pensjoni għandha, minn naħa, ikollha n-natura ta' "leġiżlazzjoni", fis-sens tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, u, min-naħa l-oħra, tissodisfa l-kundizzjoni li tkun marbuta ma' waħda mill-fergħat elenkati espliċitament fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004.

61. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-kunċett ta' "leġiżlazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71, huwa kkaratterizzat mill-kontenut wiesa' tiegħu, li jinkludi t-tipi kollha ta' miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi adottati mill-Istati Membri u għandu jinftiehem bħala li jkopri l-miżuri nazzjonali kollha applikabbli f'dan il-qasam [25]. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004.

62. Issa, għalkemm iqajjem oġġezzjoni, li ser nindirizza iktar tard, ibbażata fuq l-argument li dan il-kriterju ma għandux ikollu l-pożizzjoni esklużiva li tattribwixxilu l-Kummissjoni, ir-Renju Unit ma jikkontestax li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-iskemi inkwistjoni għandhom sors legali, fis-sens tad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, sa fejn huma previsti mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti dwar l-iskema prinċipali tal-pensjoni tas-servizz pubbliku tal-1974 (Principal Civil Service Pension Scheme 1974), dwar l-iskema tal-pensjoni tas-Servizz nazzjonali tas-saħħa tal-1995 (National Health Service Pension Scheme 1995) u dwar l-iskema tal-pensjoni tal-forzi armati tal-1975 (Armed Forces Pension Scheme 1975).

23 — Ara l-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, **li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 (ĠU L 284, p. 1)**.

24 — Ara l-Artikolu 72(a) tar-Regolament Nru 883/2004.

25 — Ara s-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (150/79, EU:C:1980:201, punt 4 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll de Ruyter (C-623/13, EU:C:2015:123, punt 32).

63. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li benefiċċju jista' jitqies li huwa benefiċċju tas-sigurtà soċjali sa fejn jingħata lill-benefiċjarji mingħajr ebda evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-ħtiġijiet personali, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni ddefinita fil-liġi, u sa fejn ikun marbut ma' wieħed mir-riskji elenkati espliċitament fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004[26].

64. L-ewwel nett, huwa paċifiku u mhux ikkontestat li d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti tal-pensjoni jagħtu lill-benefiċjarji dritt iddefinit fil-liġi u li din il-pensjoni tingħata awtomatikament lill-persuni li jissodisfaw ċerti kriterji oġġettivi, mingħajr ebda evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-ħtiġijiet personali.

65. It-tieni nett, għandu jiġi eżaminat jekk l-iskemi inkwistjoni humiex marbuta mar-riskju ta' xjuħija msemmi fl-Artikolu 4(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004.

66. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza repetuta, il-benefiċċji tax-xjuħija msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet huma kkaratterizzati essenzjalment mill-fatt li huma intiżi li jiżguraw il-mezzi ta' għajxien ta' persuni li, meta jilħqu ċerta età, jieqfu mill-impjieg tagħhom u ma jibqgħux obbligati jippreżentaw ruħhom quddiem l-awtorità tal-impjieg[27]. Peress li l-benefiċċji mħallsa taħt l-iskemi inkwistjoni jsegwu preċiżament l-istess għan, jiġifieri li l-persuni li jkunu laħqu ċerta età jiġu protetti billi jiggarantixxu li dawn il-persuni jkun jista' jkollhom il-mezzi neċessarji fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ħtiġijiet tagħhom bħala persuni rtirati, tali benefiċċji jikkostitwixxu benefiċċji tax-xjuħija.

67. Peress li l-kundizzjoni dwar l-għoti tal-benefiċċju mingħajr ebda evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali u dik dwar ir-rabta tal-benefiċċju ma' wieħed mir-riskji elenkati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 883/2004 huma ssodisfatti, minn dan isegwi li l-iskemi inkwistjoni, li barra minn hekk għandhom sors legali, għandhom jiġu kklassifikati bħala "skemi tas-sigurtà soċjali", fis-sens tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

68. F'dan l-istadju għandu jiġi eżaminat jekk l-argumenti mressqa mir-Renju Unit idaħħlux inkwistjoni din l-analiżi.

69. Fl-ewwel lok, ir-Renju Unit jikkontesta n-natura esklużiva u deċiżiva tal-kriterju purament formali bbażat fuq l-oriġini legali tal-iskema. F'dan ir-rigward, huwa jsostni li l-iskemi inkwistjoni għandhom natura "professjonali" u jipprovdu lill-benefiċjarji tagħhom benefiċċji professjonali "komplementari", li jissumplementaw il-pensjoni tal-irtirar bażika mħallsa mis-Servizz nazzjonali tas-saħħa, u li għaldaqstant jikkorrispondu mad-definizzjoni ta' "pensjoni komplementari", fis-sens tad-Direttiva 98/49. Għaldaqstant, skont ir-Renju Unit, dawn l-iskemi ma jaqgħux taħt ir-regoli ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali minħabba li jaqgħu esklużivament taħt id-dispożizzjonijiet partikolari li jirregolaw l-iskemi professjonali tal-iritrar komplementari.

70. Jiena ma naqbilx ma' din l-analiżi. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li skema tal-irtirar ikollha natura doppja, professjonali u komplementari, ma jeskludix neċessarjament lil din l-iskema mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004 jekk barra minn hekk tkun tissodisfa formalment il-klassifikazzjoni bħala "leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali", kif huwa l-każ fir-rigward tal-iskemi inkwistjoni.

26 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (C-361/13, EU:C:2015:601, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — *Ibidem* (punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71. Huwa minnu li d-diversità fl-iskemi tal-irtirar komplementari, li għandhom pożizzjoni li tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, tirrendi delikata d-distinzjoni bejn l-iskemi li jaqgħu taħt ir-regoli ta' koordinazzjoni previsti fir-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004 u l-iskemi komplementari rregolati mir-regoli partikolari previsti fid-Direttiva 98/49 kif ukoll fid-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' April 2014, dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari [28].

72. Fost id-diversi preżentazzjonijiet ta' struttura "b'pilastri" li ġew proposti [29], dik tal-Kummissjoni taqsam l-iskemi tal-irtirar fi tliet pilastri: l-ewwel pilastru, li jiġbor fih l-"iskemi li jaqgħu taħt is-sigurtà soċjali" bażiċi, obbligatorji u ffinanzjati ħafna drabi skont is-sistema ta' distribuzzjoni, it-tieni pilastru, li jiġbor fih "l-iskemi professjonali" ikkaratterizzati mir-rabta tagħhom mal-impjieg u li jiffunzjonaw ħafna drabi permezz ta' kapitalizzazzjoni, u t-tielet pilastru, li jiġbor fih "il-pjanijiet tal-irtirar magħmula fuq il-livell individwali". F'din l-istruttura, l-iskemi tat-tieni u tat-tielet pilastri jifformaw l-"iskemi komplementari" li huma intiżi li "jikkompletaw l-iskemi pubbliċi" [30].

73. Madankollu, din il-preżentazzjoni klassika ta' struttura b'pilastri toffri biss stampa imperfetta u purament deskrittiva tad-diversità tal-iskemi tal-irtirar u ma tista' tingħata ebda portata normattiva, b'mod partikolari fir-rigward tad-distinzjoni bejn l-iskemi kkoordinati u l-iskemi koperti mid-Direttiva 98/49.

74. Sabiex jiġi ddeterminat il-kriterju ta' distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' skemi, għandha l-ewwel nett issir interpretazzjoni letterali tad-dispożizzjonijiet applikabbli, li tiżvela kriterju bbażat fuq is-sors, minn liġi jew minn ftehim, tal-iskema kkunsidrata. Filwaqt li l-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 1(l) tar-Regolament Nru 883/2004 jiddistingwu l-"leġiżlazzjoni" dwar is-sigurtà soċjali, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, mid-"dispożizzjonijiet ta' ftehim", li huma esklużi minn dan il-kamp ta' applikazzjoni [31], l-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/49 jiddefinixxi l-pensjonijiet komplementari bħala l-pensjonijiet tal-irtirar u l-benefiċċji tal-invalidità u tas-superstiti li huma previsti mir-regoli ta' skema ta' pensjoni komplementari stabbilita konformement mal-leġiżlazzjoni u mal-prassi nazzjonali, "maħsuba li *jissupplimentaw jew jissostitwixxu* dawk ipprovduti għall-istess kontinġenzi minn skemi ta' sigurtà soċjali *legali*" [32].

75. Il-portata tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 98/49 hija kkjarifikata mill-premessi 3 u 4 tagħha, li jiddikjaraw, rispettivament, li s-sistema ta' koordinazzjoni prevista b'mod partikolari mir-Regolament Nru 1408/71 ma għandhiex l-effett li tkopri l-iskemi tal-pensjoni komplementari, "bl-eċċezzjoni" tal-iskemi koperti mill-kelma "leġiżlazzjoni" u ta' dawk li kienu s-suġġett ta' dikjarazzjoni, u li r-regoli applikabbli għall-aggregazzjoni ma humiex adegwati għall-iskemi ta' pensjoni komplementari, "barra minn" skemi koperti mill-kelma "leġiżlazzjoni".

28 — ĠU L 128, p. 1.

29 — Klassifikazzjonijiet ġew imfassla mill-Bank Dinji, li jiddistingwi l-ewwel pilastru, ikkostitwit minn skema amministrata mill-Istat b'kontribuzzjoni obbligatorja u li l-għan tagħha huwa limitat għat-tnaqqis tal-faqar fost il-persuni anzjani, it-tieni pilastru, ikkostitwit minn skema ta' tfaddil obbligatorju amministrata mis-settur privat, u t-tielet pilastru, ikkostitwit mit-tfaddil volontarju (ara r-rapport tal-Bank Dinji intitolat "Averting the old age crisis: policies to protect the old and promote growth", Oxford University Press, 1994, p. 16), mill-Organizzazzjoni għall-kooperazzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku (OECD), li tiddistingwi l-ewwel pilastru, li jiġbor fih il-pensjonijiet ridistributtivi, u t-tieni pilastru, ikkostitwit mill-pensjonijiet obbligatorji b'natura ta' assigurazzjoni [ara OECD (2005), "Pension-system Typology", f'*Pensions at a glance: public policies across OECD countries*, Pubblikazzjonijiet OECD] u mill-Eurostat (ara *Classification of funded pension schemes and impact on government finance*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Lussemburgu, 2004).

30 — Ara l-p. 2 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 1999, intitolata "Lejn suq wieħed għall-pensjonijiet komplementari – Riżultati tal-konsultazzjoni dwar il-Green Paper dwar il-pensjonijiet komplementari fis-Suq Wieħed" [COM(1999) 134 final] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

31 — Sakemm ma ssirx dikjarazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

32 — Korsiv miżjud minni.

76. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta b'mod ċar li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jistabbilixxi kriterju ġenerali u esklużiv marbut ma' jekk is-sors tal-iskema kkonċernata huwiex liġi jew ftehim. Għaldaqstant, la hemm lok li ssir distinzjoni skont jekk l-iskema hijiex distributtiva jew kontributtiva, la skont jekk għandhiex natura obbligatorja jew fakultattiva u lanqas skont jekk hijiex iffinanzjata permezz ta' distribuzzjoni jew permezz ta' kapitalizzazzjoni. Barra minn hekk, l-esklużjoni espliċita tal-iskemi tal-pensjoni komplementari mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/49 meta jkunu koperti mill-kelma "leġiżlazzjoni" timplika l-inklużjoni ta' dawn l-iskemi legali komplementari fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

77. It-tieni nett, din l-interpretazzjoni għandha tipprevali minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali peress li d-definizzjoni ta' kriterju oġġettiv u li jkun jista' jiġi applikat faċilment tippermetti li tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi tar-regoli ta' koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-iskemi legali kollha, filwaqt li l-iskemi previsti fi ftehim huma, bħala prinċipju, esklużi, ħlief fil-każ li jkunu ġew iddikjarati mill-Istati Membri.

78. Fl-aħħar nett, l-inklużjoni tal-iskemi legali tal-irtirar kollha, inklużi dawk komplementari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tad-dritt idderivat li tikkoordina l-iskemi tas-sigurtà soċjali tirriżulta li hija konformi mal-għan tal-protezzjoni tad-drittijiet soċjali tal-persuni li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni. Fl-assenza ta' koordinazzjoni, l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment jista' fil-fatt ikun skoraġġut għall-benefiċjarji ta' pensjoni tal-irtirar komplementari mogħtija minn skema legali, b'mod speċjali meta l-iskema bażika tipprovdilhom biss dħul minimu għall-għajxien. Fid-dawl ta' dan l-għan fundamentali, id-diffikultajiet prattiċi ta' koordinazzjoni maħluqa mid-diversità fl-iskemi tal-irtirar [33] ma jiġġustifikawx, fil-fehma tiegħi, l-esklużjoni tal-iskemi legali komplementari mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004, liema esklużjoni, fi kwalunkwe każ, tkun kuntrarja għar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni kif tirriżulta b'mod inekwivoku mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti [34].

79. Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li jallega r-Renju Unit, l-applikabbiltà tal-imsemmija regolamenti ma tistax tiġi eskluża minħabba s-sempliċi raġuni li l-pensjonijiet mogħtija mill-iskemi inkwistjoni huma pensjonijiet komplementari fil-konfront ta' dawk mogħtija mis-Servizz nazzjonali tas-saħħa. Lanqas ma huwa rilevanti l-fatt li dawn il-pensjonijiet ma humiex intiżi li jiggarantixxu lill-persuni li jirċevuhom sempliċi dħul minimu għall-għajxien, iżda li jagħtuhom dħul li jiddependi mill-ammont tal-kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu matul l-attività tagħhom.

80. Fit-tieni lok, ir-Renju Unit iqis li d-drittijiet għal pensjoni professjonali taħt l-iskemi inkwistjoni ma jikkostitwixxux benefiċċji tas-sigurtà soċjali iżda remunerazzjoni. Huwa jibbaża ruħu fuq ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari fuq is-sentenza Barber [35], li tipprovdi li l-fatt li benefiċċju jitħallas wara l-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol ma jeskludix li dan il-benefiċċju jista' jkollu

33 — Fid-dokument ta' ħidma tal-20 ta' Ottubru 2005 [SEC(2005) 1293], anness mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib fit-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni komplimentari [COM(2005) 507 final], il-Kummissjoni qajmet, b'mod partikolari, id-diffikultà li r-regoli dwar l-aggregazzjoni jiġu applikati għall-iskemi tal-pensjoni tal-irtirar komplementari (punt 4.4 ta' dan id-dokument) [ara wkoll, fir-rigward tal-problemi marbuta mal-koordinazzjoni ta' dan it-tip ta' skemi, L. Leppik, "Co-ordination of pensions in the European Union: the case of mandatory defined-contribution schemes in the Central and Eastern European countries", *European Journal of Social Security*, Volum 8, 1 (2006), p. 35].

34 — Għandu jiġi osservat li l-premessa 4 tad-Direttiva 98/49, li tiddikjara li r-regoli applikabbli għall-aggregazzjoni ma humiex adegwati għall-iskemi tal-pensjoni komplementari, ħlief għall-iskemi koperti mill-kelma "leġiżlazzjoni", turi b'mod ċar li l-Kunsill, filwaqt li kien konxju tad-diffikultajiet prattiċi li setgħu jirriżultaw minn dan, qies li dawn id-diffikultajiet ma kellhomx jostakolaw l-applikazzjoni tas-sistema ta' koordinazzjoni għall-iskemi legali.

35 — C-262/88, EU:C:1990:209.

natura ta' remunerazzjoni, anki jekk ikun previst mil-liġi [36], kif ukoll fuq is-sentenza Beune [37], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li skema ta' pensjoni tas-servizz pubbliku li tiddependi, essenzjalment, mill-impjieg li kellha l-persuna kkonċernata hija marbuta mar-remunerazzjoni li tibbenefika minnha din tal-aħħar [38].

81. Insostenn tal-analiżi tiegħu, ir-Renju Unit jargumenta li l-ammont tad-drittijiet għal pensjoni jiġi ddeterminat skont it-tul tal-impjieg u skont l-aħħar salarju u li l-pensjonijiet mogħtija b'dan il-mod ma humiex intiżi bħala ħlas bażiku għall-għajxien, kif jixhed il-fatt li dawn il-pensjonijiet jistgħu jkunu ta' ammont kunsiderevolment ogħla minn dak tal-pensjoni mogħtija taħt il-kuntest tal-iskema legali tas-sigurtà soċjali.

82. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet repetutament, "il-fatt li xi benefiċċji jingħataw wara li tispiċċa r-relazzjoni ta' impjieg ma jeskludix li jistgħu jitqiesu bħala 'paga' [remunerazzjoni] [fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE]" [39]. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-benefiċċji mogħtija taħt skemi tal-pensjoni, li essenzjalment jiddependu mill-impjieg li kellha l-persuna kkonċernata, huma marbuta mar-remunerazzjoni li kienet tibbenefika minnha din il-persuna u jaqgħu taħt l-Artikolu [157 TFUE]" [40], anki jekk l-iskema jkollha l-bażi tagħha fil-liġi.

83. Madankollu, il-fatt li pensjoni tal-irtirar li ngħatat lill-ħaddiem minħabba r-relazzjoni ta' xogħol tiegħu għandha titqies li hija remunerazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa, irrikonoxxut fl-Artikolu 157 TFUE, ma jfissirx madankollu li din il-pensjoni ma għandhiex in-natura ta' benefiċċju tas-sigurtà soċjali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' koordinazzjoni previsti mir-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004.

84. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni r-Renju Unit fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, il-klassifikazzjonijiet bħala "remunerazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE, u bħala "pensjoni tax-xjuħija", fis-sens tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004, bl-ebda mod ma huma reċiprokament esklużivi minħabba li jaqdu għanijiet distinti u jeħtieġu kriterji differenti.

85. B'mod partikolari, għandu jiġi osservat li l-kriterju determinanti sabiex benefiċċju jiġi kklassifikat bħala "remunerazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE, li huwa bbażat fuq il-konstatazzjoni li dan il-benefiċċju jirriżulta mir-relazzjoni ta' xogħol, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk l-imsemmi benefiċċju għandux jiġi kklassifikat bħala "benefiċċju tas-sigurtà soċjali". Bl-istess mod, il-kriterji speċifiċi żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi evalwat jekk benefiċċju tal-irtirar mogħti minn skema tal-irtirar tal-uffiċjali bbażata fuq il-liġi għandux jiġi kklassifikat bħala "remunerazzjoni", li jirrikjedu li dan il-benefiċċju jkun jiddependi direttament miż-żmien ta' servizz imwettaq u li l-ammont tiegħu jkun ikkalkolat fuq il-bażi tal-aħħar salarju, ma humiex rilevanti sabiex il-benefiċċju jiġi kklassifikat fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.

86. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet din il-possibbiltà ta' kumulu ta' klassifikazzjonijiet meta ddeċidiet, fis-sentenza tagħha Niemi [41], li benefiċċju mħallas taħt skema tal-irtirar innotifikata bħala skema li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi kklassifikat bħala "remunerazzjoni", fid-dawl tal-Artikolu 157 TFUE, meta jkun jissodisfa l-kriterji li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni ta' impjieg [42].

36 — Punti 12, 16 u 17.

37 — C-7/93, EU:C:1994:350.

38 — Punt 46.

39 — Ara s-sentenza Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-559/07, EU:C:2009:198, punt 42).

41 — C-351/00, EU:C:2002:480.

42 — Punt 45.

87. Minn dan isegwi li la l-fatt li l-iskemi inkwistjoni huma skemi professjonali li jagħtu pensjonijiet li huma marbuta mar-relazzjoni ta' xogħol preċedenti u li huma meqjusa li jirrappreżentaw salarju kontinwu li jikkumpensa l-isforz ipprovdut matul il-perijodu ta' attività, u lanqas il-fatt li dawn il-benefiċċji jiddependu direttament miż-żmien ta' servizz imwettaq u li l-ammont tagħhom għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-aħħar salarju ma huma ta' natura li jeskludu l-applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004, peress li l-imsemmija benefiċċji jikkostitwixxu benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, minn wara l-emenda introdotta permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1606/98 [43], l-iskemi speċjali tal-irtirar tal-uffiċjali huma inklużi espliċitament fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, minkejja li jikkostitwixxu skemi professjonali kkaratterizzati mill-fatt li l-pensjoni riċevuta hija meqjusa bħala sempliċi estensjoni tas-salarju għal impjieg attiv [44].

88. Din il-konklużjoni lanqas ma hija kkontestata mill-fatt, invokat mir-Renju Unit, li l-pensjonijiet mogħtija mill-iskema tal-pensjoni tal-forzi armati tal-1975 ma kinux dovuti biss mal-età legali tal-irtirar minħabba, b'mod partikolari, li pensjoni vitalizja kienet titħallas sa mill-età ta' 37 sena lill-uffiċjali tal-forzi armati li jkunu wettqu 16-il sena servizz wara l-età ta' 21 sena jew mill-età ta' 40 sena lill-membri l-oħra tal-forzi armati li jkunu wettqu 22 sena servizz wara l-età ta' 18-il sena.

89. Minbarra l-fatt li dan l-argument jikkonċerna biss waħda mit-tliet skemi inkwistjoni, inqis li l-fatt li ċerti pensjonijiet jingħataw immedjatament lill-benefiċjarji tagħhom, hekk kif jintemmu l-funzjonijiet tagħhom, anki jekk ma jkunux laħqu l-età legali tal-irtirar, ma jibdilx in-natura ta' dawn il-pensjonijiet li, minħabba li jkollhom in-natura ta' vitalizju, ikunu jistgħu jibqgħu jitħallsu lill-benefiċjarji tagħhom sakemm dawn imutu.

90. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' benefiċċju tax-xjuħija hija kkorroborata mid-definizzjoni li l-Artikolu 1(x) tar-Regolament Nru 883/2004 jagħti għal "benefiċċji marbuta ma' l-età mogħtija qabel l-età ta' l-irtirar [benefiċċji *antiċipati* tax-xjuħija]" [45], sabiex jiddistingwihom mill-"benefiċċji ta' qabel l-irtirar [benefiċċji tal-irtirar kmieni]" li, barra minn hekk, jidħlu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, benefiċċju antiċipat tax-xjuħija huwa ddefinit bħala "benefiċċj[u] mogħti qabel persuna tilħaq l-età li tintitol[h]a għal pensjoni u li jew [j]ibqa' [j]ingħata wara li persuna tilħaq l-età msemmija jew li [j]inbidel minn benefiċċju ieħor marbut ma' l-età [benefiċċju ieħor tax-xjuħija]". Għaldaqstant, il-possibbiltà li wieħed jirċievi pensjoni antiċipata ma jfissirx li din il-pensjoni ma hijiex benefiċċju tax-xjuħija, fis-sens partikolari u awtonomu li għandu dan il-kunċett fid-dritt tal-Unjoni.

91. L-imsemmija interpretazzjoni hija kkonfermata wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrikonoxxi li l-fatt li l-benefiċċju ta' pensjoni jkun irrikonoxxut qabel ma l-persuna kkonċernata tilħaq l-età tal-irtirar ma jfissirx, madankollu, li dan il-benefiċċju ma jikkostitwixxix pensjoni tax-xjuħija [46].

92. Fid-dawk ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, inqis li l-pensjonijiet mogħtija mill-iskemi inkwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004. Barra minn hekk, filwaqt li nikkonstata li r-Repubblika ta' Malta ma hijiex qiegħda tikkontesta li, minħabba l-bażi ta' kalkolu tagħhom, il-pensjoni Maltija u l-pensjonijiet imħallsa mill-iskemi inkwistjoni jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46b tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 883/2004, minn dan niddeduċi li huwa fondat l-ilment li r-Repubblika ta' Malta applikat il-leġiżlazzjoni antikumulu Maltija għal dawn il-pensjonijiet, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni r-regoli stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet.

43 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998, li jemenda ir-Regolament Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jniżżel il-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 bil-ħsieb li jiġu estiżi sabiex ikopru skemi speċjali għal persuni fis-servizz ċivili (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 308).

44 — Ara, b'mod partikolari, fir-rigward tal-iskema tal-irtirar tal-uffiċjali Franċiżi, is-sentenza Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648) u, fir-rigward tal-iskema tal-irtirar tal-uffiċjali Finlandiżi, is-sentenza Niemi (C-351/00, EU:C:2002:480).

45 — Korsiv miżjud minni.

46 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Öztürk (C-373/02, EU:C:2004:232, punt 67).

V – **Konklużjoni**

93. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

1) tikkonstata li, billi mill-ammont tal-pensjoni tax-xjuħija Maltija tnaqqas, skont l-Artikolu 56 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, l-ammont tal-pensjonijiet tar-Renju Unit mogħtija mill-iskema prinċipali tal-pensjoni tas-servizz pubbliku tal-1974 (Principal Civil Service Pension Scheme 1974), mill-iskema tal-pensjoni tas-Servizz nazzjonali tas-saħħa tal-1995 (National Health Service Pension Scheme 1995) u mill-iskema tal-pensjoni tal-forzi armati tal-1975 (Armed Forces Pension Scheme 1975), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 46b tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 592/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, u taħt l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, u

2) tikkundanna lir-Repubblika ta' Malta għall-ispejjeż.